**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti .LL.M., LL.D.**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 464/2014

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna)

vs

Josef Zahra

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Josef Zahra detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 385481M talli: 1) Fid-29 ta' April, 2014 ghall-habta ta' 07:20hrs fl-inhawi ta' Pembroke, waqt stagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar fuq l-art, kellu arma tan-nar li kellha kompartiment tal-iskratac li jista' jzomm aktar minn zewgt skratac fl-istess hin u dan bi ksur tar-Reg. 18(2)(b) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71; 2) ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu

27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet msemmija f'dik il-licenzja; 3) ukoll talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza armi semi-awtomatici jew awtomatici b'kompartiment ghall-iskratac li kapaci jzomm izjed minn zewg tiri ta' munizzjoni u dan bi ksur ta' S.L. 504.71 Reg. 7(1)(k) ; u 4) bhala persuna licenzjata ghall-stagun tal-kacca tar-Rebbiegha 2012, u bhala persuna licenzjata biex igorr arma tan-nar mal-Kummissarju tal-Pulizija u bi ksur ta' dawn ir-regolamenti u cioe. L.S. 504.94, Qafas biex tigi permessa deroga li tiftah l-Istagun ghall-Kacca tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegha, kiser dawn ir-regolamenti jew xi regolamenti ohra applikabbli jew bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' xi licenzja jew permess u cioe ksur ta' licenzja bhala pussessur ta' licenzja ta' arma tan-nar u dan bi ksur ta' Regolament 6(2) L.S. 504.94.

Il-Qorti kienet  mitluba li barra l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzja ghall-zmien ta' mhux anqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti rat l-artikolu 18(2)(b) tal-AL 79/2006 hekk kif emendat LS 504.71, Reg 7(1)(k) tal-SL 504.71 u Regolament 6(2) LS 504.94 li biha sabet lill-imputat hati u kkundannatu muta ta' hames mitt ewro (€500).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Zahra prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-14 ta' Novembru, 2014, fejn talab lill-din il-Qorti thassar u tikkancella s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti u dan filwaqt li tilqa' l-aggravji tal-esponenti tilliberah taht dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2015 fejn l-appellant irrinunzja ghall-ewwel aggravju u ddikjara li l-aggravji numru tnejn sa hamsa ghandhom jitqiesu bhala aggravju wiehed;

Ikkunsidrat:

Illi wara li l-appellant irrinunzja ghall-ewwel aggravju tieghu, igifieri ghall-dak dwar "n-nullita' tal-akkuza", din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel agravju. Inoltre, sia skond il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2015 kif ukoll kif spjegat mill-appellant fis-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tieghu, l-aggravji l-ohra ghandhom jitqiesu bhala aggravju wiehed fis-sens illi l-imputazzjoni ma tirrizultax u ghalhekk l-appellant ghandu jkun liberat;

Illi ghalhekk, stradati dawn l-aspetti tal-appell din il-Qorti ser tikkonsidra jekk l-Ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha bil-fatti migjuba quddiemha. L-appellant kien fil-pussess ta' arma tan-nar, senter, waqt l-istagun miftugh tal-kacca u fil-hinijiet legali li kellha l-kapacita' li tiehu tlett iskratac fil-kompartament tal-iskratac u dan kontra id-dispost tar-regolament 7(1)(k) u 18(2)(b) tal-AL 79/2006. Ir-regolament 7(1)(k) jipprovdi illi ebda persuna m'ghandha tikkaccja, tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur billi tuza arma semi-awtomatika b'kompartiment ghall-iskratac li kapaci jzomm izjed minn zewg tiri ta' munizzjon. Ir-regolament 18(2)(b) imbaghad jipprovdi illi l-ebda persuna m'ghandu jkollha arma tan-nar li jkollha licenzja ghall-kacca tat-tjur, li jkollha kompartiment ta' l0-iskratac li jista' jzomm aktar minn zewgt iskratac fl-istess hin. Issa l-appellant jargumenta illi bhal diversi armi tan-nar ghall-kacca l-arma in kwistjoni kellha tali kapacita izda sabiex ikunu konformi

mal-ligi, dawn l-armi jkun introdott fihom *spacer* sabiex jillimita l-kapacita' tal-iskratac ghall-tnejn apparti l-wiehed li jkun fil-kanna. Fil-kaz in kwistjoni l-arma kellha kapacita' li tesa' zewgt iskratac tat-tlett pulzieri u nofs. Dan ifisser illi l-istess arma allura ghandha kapacita ukoll ta' tlett iskratac taz-zewg pulzieri u nofs bil-konsegwenza illi fi kwalunkwe hin l-arma jista' jkollha fiha jew zewgt iskratac tat-tlett pulzieri u nofs jew tlett iskratac taz-zewg pulzieri u nofs;

Meta l-membri tal-Korp tal-Pulizija spezzjonaw l-arma tal-appellant, din kienet vojta minn kull munizzjoni filwaqt illi l-appellant kien fil-pussess taz-zewg tipi ta' skratac. Isegwi ghalhekk illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni ta' sejbien ta' htija kif fil-fatt ghamlet. Dan ghaliex l-arma in kwistjoni setghet potenzjalment tiehu aktar minn zewgt iskratac fil-kompartiment tal-iskratac. Il-ligi ma tipprovdix dwar id-daqs tal-iskratac li jistghu f'kull hin jinsabu fil-kompartament tal-iskratac. Dan ifisser illi, ghad li mhux projbit l'uzu ta' skratac tat-tlett pulizieri u nofs, l-arma fl-ebda hin ma tista' tkun kapaci li tiehu aktar minn zewgt iskratac u fil-kwistjoni hawn devoluta l-arma kienet kapaci tiehu tlett iskratac taz-zewg pulzieri u nofs fil-kompartiment tal-iskratac.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.